MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 950/2011

**Hubert Camilleri**
**(karta ta' l-identita` numru 87666 (M))**

**vs**

**JAJ Company Limited**
**(C – 22257)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat it-3 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu r- rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi ghall-habta ta' Novembru, 2010, Alfred Mizzi, illum mejjet, avvicina lir-rikorrenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` ntimata biex jissellef xi flus ghall-istess socjeta` ntimata;

2. Illi fit-3 ta’ Dicembru, 2010, ir-rikorrenti sellef tlieta u sittin elf u erba’ mitt Ewro, (€63,400.00), lis-socjeta` ntimata;

3. Illi dan l-ammont hekk misluf kellu jigi rifuz bl-interessi kif dedotti fl-istess rikors promotur u b’pagamenti rateali ta’ tlett elef u hames mitt Ewro, (€3,500.00), fl-iskadenzi ndikati fl-istess rikors promotur, oltre pagament kospikwu kif hemm ukoll indikat;

4. Illi l-partijiet ftehmu wkoll li f’kaz ta’ morozita`, anke f’pagament wiehed, ikun hemm dekadenza u t-telf tal-beneficcju tal-hlas rateali fuq riferit;

5. Illi di piu`, l-imsemmi Alfred Mizzi nomine, ffirma u kkonsenja lir-rikorrenti seba’ (7) cekkijiet rapprezentanti l-pagamenti rateali pattwiti u nkluz l-interessi dekorribbli sal-ahhar pagament;

6. Illi nonostante s-suespost, is-socjeta’ ntimata naqset tirrifondi l-pagamenti minnha dovuti stante li c-cekkijiet indikati fil-paragrafu precedenti ma ssarrfux;

7. Illi nonostante li s-socjeta` ntimata giet regolarment interpellata biex tirrifondi l-ammont dovut, baqghet inadempjenti;

8. Illi konsegwentement ir-rikorrenti adixxa din il-qorti sabiex:

i. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata hi debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta’ tlieta u sittin elf u erba’ mitt Ewro, (€63,400.00), self *brevi manu* fuq riferit, flimkien mal-imghax dovut sal-pagament effettiv;

ii. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata hi moruza f’pagament jew aktar u konsegwentement iddekadiet u tilfet il-beneficcju tal-pagament rateali biex b’hekk, l-ammont dovut hu issa dovut kollu f’daqqa;

iii. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata biex thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ tlieta u sittin elf u erba’

mitt Ewro, (€63,400.00), oltre l-imghaxijiet legali bl-oghla rata skont il-ligi sal-effettiv pagament;

iv. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata skont il-ligi sal-effettiv pagament;

Ezaminat id-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur;

Tirrileva li ghalkemm notifikata skont il-ligi s-socjeta` ntimata baqghet kontumaci;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tax-xhieda mismugha u tad-dokumenti esebiti, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi f'Dicembru, 2010, ir-rikorrenti kien sellef l-ammont meritu tal-kawza odjerna lil Alfred Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` ntimata biex din iggib xi xoghol minn barra;

2. Illi jirrizulta li kien hemm okkazjonijiet ohra fejn ir-rikorrenti kien sellef ammonti lill-imsemmi Mizzi f'isem is-socjeta` ntimata, li pero` qabel dejjem kien hallas l-ammont misluf;

3. Illi fil-kaz odjern il-partijiet fuq indikati ftiehmu li Mizzi kellu jiffirma cekkijiet ta' tlett elef u hames mitt Ewro, (€3,500.00), bl-ahhar wiehed ikun ta' erbghin elf Ewro, (€40,000.00), bhala rifuzjoni tal-ammont misluf lis-socjeta` ntimata;

4. Illi l-imsemmi Mizzi dejjem agixxa fir-rigward f'isem is-socjeta` ntimata;

5. Illi l-ammont hekk misluf ghadu ma giex rifuz mis-socjeta` ntimata;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tieghu:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata JAJ Company Limited hi debitrici tar-rikorrenti Hubert Camilleri fis-somma ta’ tlieta u sittin elf u erba’ mitt Ewro, (€63,400.00), self *brevi manu* mghoddi lil Alfred Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` ntimata, flimkien mal-imghax dovut sal-effettiv pagament;

2. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata fuq riferita hi moruza f’pagament jew aktar u konsegwentement iddekadiet u tilfet il-beneficcju tal-pagament rateali biex konsegwentement, l-ammont dovut hu issa dovut kollu f’daqqa;

3. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata fuq indikata biex thallas lir-rikorrenti fuq ukoll indikat is-somma ta’ tlieta u sittin elf u erba’ mitt Ewro, (€63,400.00);

4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet skont il-ligi bl-oghla rata postulata sal-effettiv pagament.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------